**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 14 ta' Novembru, 2018.**

**Talba Nru: 384/2018PA**

**GO plc**

**vs**

**Rosalia Falzon**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-21 ta' Awissu 2018 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' elf, mija u erbatax-il Ewro u tmenin ċenteżmu (€1,114.80ċ) dovuti in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kontijiet numri 40444360 u 40443548 rispettiament bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 1226/2015, u bl-imgħaxijiet.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta' din il-kawża (Dok. A, fol. 2-3); (ii) kopja tal-kuntratti li l-konvenuta kellha mas-soċjeta' attriċi (Doki. B1 sa B2, fol. 4-5); (iii) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz dikjarat tal-konvenut (Dok. C, fol. 6); (iv) kopja ta' ittra uffiċjali eżekuttiva numru 1226/15 (Dok. D, fol. 7).

Ra li l-konvenuta kienet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero' baqgħet ma ppreżentatx Risposta u lanqas dehret biex tikkontesta l-kawża.

Sema' x-xiehda ta' Paul Gatt, *credit control officer* mas-soċjeta' attriċi, li kkonferma li l-ammont mitlub għadu dovut.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta ampjament pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenuta.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' elf, mija u erbatax-il Ewro u tmenin ċenteżmu (€1,114.80ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**